# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' April, 2001**

**Numru 2**

**Citaz. numru: 1553/99 NA**

**Maryanne Camilleri**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Anullament - Artikolu 19 (1) (g) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti sabet illi n-nuqqas totali ta' affezzjoni maritali kif ukoll il-fatt li z-zewg kontendenti baqghu jghixu kwazi separatament kienet indikazzjoni cara ta' l-istat tal-kunsens ta' l-attrici fil-mument taz-zwieg. Dan l-istat gie muri wkoll fil-komportament taghha qabel iz-zwieg li wassal lill-Qorti tikkonkludi li l-kunsens taghha kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-30 ta' Gunju 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 ta' Settembru 1964 fil-Parrocca tar-Rabat, skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, hawn anness bhala Dokument "A";

Illi l-istess zwieg bejn il-kontendenti gie kkuntrattat minhabba insistenzi u pressjoni qawwija li kien hemm fuq l-attrici;

Illi, ghalhekk il-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat u kien ir-rizultat ta' biza' da parti ta' l-istess attrici;

Illi, l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha u dan kif ser jirrizulta ahjar mill-provi li ser jigu prodotti;

Illi wkoll, il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat, meta nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Settembru 1964 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikoli 19 (1) (a) u/jew 19 (1) (d) u/jew (1) (f);

2. taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Il-konvenut gie debitament notifikat fis-7 ta' Frar 2000 pero' ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi. Huwa pero' deher ghas-seduta tat-8 ta' Marzu 2000.

L-attrici pprezentat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit b'nota tat-3 ta' April 2000 u x-xhieda ta' ohtha Agnes Upton ukoll b'affidavit b'nota tat-28 ta' April 2000.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2000 l-attrici ddikjarat illi kienet ghalqet il-provi taghha. Il-konvenut, mill-gdid prezenti,

irrinunzja ghad-dritt li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet in difiza kontra t-talbiet attrici a tenur ta' l-Artikolu 158 (1) tal-Kapitolu 12.  F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi f'din il-kawza huma skarsi pero' dawk li gew prodotti ma gew bl-ebda mod kontradetti.  Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan iz-zwieg infelici li zgur li ma ta lill-ebda wahda mill-partijiet dak is-sodisfazzjon u kuntentizza li l-hajja mizzewga, minkejja d-diffikultajiet taghha, hija mmirata li tipprovdi.  L-istess Qorti ma tiddubitax li bejn din il-koppja jezistu ragunijiet serji u ta' entita' tali biex iwasslu ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.  Dawn ir-ragunijiet wahedhom pero' ma humiex sufficjenti ghall-annullament taz-zwieg, kif lanqas ma hija raguni valida l-kontumaci tal-konvenut u l-fatt, ukoll ovvju, li huwa ma huwiex qed jopponi ghat-talbiet attrici, anzi ghall-kuntrarju kwazi qed jammettihom.

Ma hemmx dubbju illi l-pressjoni maghmulha fuq il-partijiet mill-genituri rispettivi taghhom ma kenitx tali biex twassal ghall-vizzju tal-kunsens ikkontemplat fis-sub-inciz (a) ta' l-

Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-banda l-ohra minn dawk il-provi li gew imressqa partikolarment mix-xhieda ta' oht l-attrici l-Qorti hadet stampa ta' zwieg totalment minghajr affezzjoni matrimonjali, qieshom il-partijiet minkejja li zzewgu baqghu jghixu l-hajja ta' qabel mal-genituri rispettivi taghhom u dana minkejja dawk l-okkazzjonijiet rari ta' intimita' li wasslu wkoll ghat-twelid ta' zewgt itfal. Hekk per ezempju z-zewg partijiet baqghu jieklu separatament ghand il-genituri rispettivi taghhom u sahansitra fit-tlett xhur tas-sajf ighixu separatament ukoll ma' dawn il-genituri. Jidher illi din l-attitudini ma dahlitx wara li gie celebrat iz-zwieg li kien iwassal ghal-zwieg validu izda separabbli. Din l-attitudini kienet prezenti zgur f'mohh l-attrici immedjatament qabel iz-zwieg u kienet b'din l-attitudini li hija tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg odjern. Din ir-riflessjoni wahedha finalment wasslet lill-Qorti biex tikkonsidra dan iz-zwieg bhala mhux biss wiehed li falla pero' wkoll bhala annullabbli peress illi l-kunsens ta' l-attrici fil-mument li gie moghti kien ivvizzjat "*b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ..... fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali*" tal-hajja mizzewga.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti

fit-8 ta' Settembru 1964 huwa null u bla effett fil-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d).

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u nonostante l-kontumaci tal-konvenut il-Qorti jidhrilha illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati mill-attrici.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.